# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# FL-ATTI TAS-SUBBASTA NUMRU 58/15

BANK OF VALLETTA P.L.C.

Versus

MARIA DOLORES GRECH
(detentriċi tal-karta tal-identita' numru 66543M)

MARIA CARLA DRAGO
(detentriċi tal-karta tal-identita' numru 45969M)

CHRISTOPHER DRAGO
(detentur tal-karta tal-identita' numru 411867M)

ALEXIA CAMENZULI
(detentriċi tal-karta tal-identita' numru 234878M)

# RELAZZJONI TAL-PERIT ROBERT C. VELLA ESPERT TEKNIKU

Illum 29 ta' Frar 2016
"Deher il-Perit Legali / Tekniku:
Robert C. Vella.
Li wara li ddikjara li tħallas l-ammont lilu dovut, ħalef/ħalfet li qeda/qdiet fedelment u onestament l-inkarigu mogħti lilu/ha.

Deputat Reġistratur

REGISTRY SUPERIOR COURT
No: 1239
11 FEB 2016
PAID

# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**FL-ATTI TAS-SUBBASTA NUMRU 58/15**

BANK OF VALLETTA P.L.C.

Versus

MARIA DOLORES GRECH
MARIA CARLA DRAGO
CHRISTOPHER DRAGO
ALEXIA CAMENZULI

## RELAZZJONI TAL-PERIT ROBERT C. VELLA ESPERT TEKNIKU

Jesponi bir-rispett:

Illi b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ottubru 2015, fl-atti tal-mandat ta' Qbid ta' Ħwejjeg Immobli fl-atti ta' Subbasta numru 58/15, l-esponent ġie innominat bħala Espert Tekniku għall-fini tad-deskrizzjoni u valutazzjoni tal-propjeta seggwenti;

- *Garaxx/Maħżen 'Mars', fi' Triq il-Bajjada, ġewwa l-Marsa.*

Kopja tad- digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-5 ta' Ottubru 2015 u l-ħatra tal-esponent Perit Tekniku huma mhemuża u mmarkata bħala Dok A u B rispettivament.

Għaldaqstant l-esponent bagħat notifika ta' aċċess lill-intimati sabiex isir aċċess fuq il-post. Kopja tan-notifika hi mhemuża u mmarkata bħala Dok Ċ. L-aċċess sar hekk kif kien skedat nhar is-Sibt, 31 ta' Ottubru, 2015 fid- disgħa u nofs ta' filgħodu fil- preżenza tas-Sur Lawrence Bonniċi. Nixtieq nirrelata li waħda mill-ittri irreġistrata u mibgħuta lill-intimati, eżattament dik tas-Sinjuri Drago, fuq l-indirizz 'Cri Mar', Triq Ġdida fi' Triq il-Ħatab, Attard ma waslitx. In-notifika mibgħuta lis-Sinjuri Drago reġgħet lura bil-posta għand l-esponent u din hija mhemuza ma Dok Ċ.

Għall-informazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, il-maħżen in kwestjoni, mikri lid-ditta J & A Bonnici. Kopja tal-iskrittura private bejn Carmel sive Charles Grech u John Bonniċi a nom tad-ditta J & A Bonniċi, iffirmata u datata fis- 6 ta' Lulju, 1977 quddiem in- Nutar Dr. Joseph Cachia, hi mhemuża u mmarkata bħala Dok D. Id-diretturi ta' din id-ditta illum huma is-Sur Lawrence Bonnici, detentur tal-karta tal-identita' numru 213651M u li joqghod 'San Pawl', Triq it-Tomna, Ibraġġ, Swieqi u ħuh is-Sur Carmel Bonnici, detentur tal-karta tal-identita' numru 632645M u li joqgħod 'Tegole', Triq is-Sirk, Swieqi.

Skond Kap. 16 tal-Kodici Civili, l-kera ta' fond kummerċjali li jkun beda qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandu f'kull każ jintemm fi żmien għoxrin sena li jibdew jgħaddu mill-1 ta' Ġunju, 2008 sakemm ma jkunx sar kuntratt ta' kiri li jistipula żmien determinat. Għalekk f'dan il każ, ladarba l-kirja tiġġedded kull sena fid-diskrezzjoni unika tal-inkwilin, għandu jiġi meqjus daqs li kieku hu wieħed għal żmien indeterminat u b'hekk jiġi jintemm fi żmien għoxrin sena li jibdew għaddejjin mill-1 ta' Ġunju, 2008.

Għaldaqstant, wara li żamm aċċess fuq il-fond fil-mertu ta' din is-subbasta, l-esponent Perit Tekniku qed jirrelata dan li ġej, għall-aħjar konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

## DESKRIZZJONI U VALUTAZZJONI TAL-FOND:

***Garaxx/Maħżen 'Mars', fi Triq il-Bajjada, ġewwa l-Marsa.***

## 1. DESKRIZZJONI

Il-post inkwistjoni huwa magħruf bħala garaxx/maħzen "Mars", li jinsab fi' Triq il-Bajjada, ġewwa l-Marsa. Dan jinsab fiż-żona marufa bħala dik nofsinhar ta' Triq il-Kbira San Ġuzepp hekk kif indikat fil- pjanta numru 29 li qeda mhemuża mal-Pjan Locali tal-Port il-Kbir, hekk kif maħruġ mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Is-sit jinsab mal-konfini ta' żona residenzjali, fil-*ground floor level* fi' Triq il-Bajjada, li tiġi taħt triq arterjali bl-isem ta Triq it-Tigrija, li minn Santa Venera twaslek għal Marsa u viċi versa.

Wara talba għal riċerka uffiċjali mill-esponent Perit Tekniku, ġie konfermat mar-Reġistru ta' l-Artijiet fil-Belt Valletta li il-propjeta in kwistjoni ma taqax f'Żona ta' Reġistrazzjoni. It-talba għal riċerka ufficjali (Formola E) u r-risposta minn għand id-Dipartiment Propjeta tal-Gvern huma mhemuża u mmarkata bħala Dok E.

Dan il-maħzen hu aċċessibli direttament minn Triq il-Bajjada, qabel magħrufa bħala Triq Ġdida fi' Triq Isouard. Bl-eċċezjoni tal-faċċata, il-

maħzen huwa konfinanti mill-irjieħat kollha ma' propjeta ta' terzi. Id-distanza minn dan is- sit sal-eqreb kantuniera fuq in- naħa tal-punent hi ta' ċirca 22.5 metri. Il-pjanta tar-Reġistru ta' l-Artijiet numru 013889 immarkata bl-aħmar hi mhemuża u mmarkata bħala Dok F.

## 2. KEJL

Il-garaxx/maħzen jokkupa *area* ta' ċirka 108 metri kwadri u l-bitħa fuq in-naħa ta' wara tokkupa *area* ta' ċirka 10 metri kwadri, b' total ta' ċirka 118 metri kwadri, hekk kif deskritt permezz tal- pjanta mhemuża u mmarkata bħala Dok G. Il-faċċata tal-garaxx/maħzen fuq Triq il-Bajjada fiha 5.2 metri, u l-għoli intern mill-art sa taħt it-travi tal-konkos hu ta' ċirka 3.6 metri. Dan il-kejl huwa approssimattiv u għal skop ta' valutazzjoni biss.

## 3. KOSTRUZZJONI U FINITURI

Il-ħitan huma tal-franka u s-soqfa huma magħmula minn travi rettangulari tal-konkos rinfurzat bil-ħadid li qed iġorru saqaf tal-konkos rinfurzat b'xibka tal-ħadid. Il-ħitan huma mkaħla u mbajda u l-garaxx magħluq b' bieb tal- ħadid galvanizzat. Jidher li f-xi partijiet il-ħitan u s-saqaf kienu esposti għall-ilma u għaldaqstant ġarbu ħsara li għanda bżonn tiġi trattata. Minn ġol maħzen għaddejjin katusi tad-dranaġġ u tal-ilma tax-xita li jappartjenu lis-sidien tal-apartamenti ta' fuq. Fuq in-naha ta' wara tal-maħzen hemm bieb u tieqa li jagħti għal fuq il-bitħa. L-art, kemm tal-maħzen kif ukoll tal-bitha, hi tal-konkos u fil-bitħa hemm bokka ta' bir li qed jintela mill-ilma tax-xita li qed jinġabar minn fuq is-saqaf tal-

appartamenti ta' fuq, fi blokka 'Tiffiny Court', li minnha jappartjeni anke il maħzen in kwestjoni. Jirreferu r-ritratti mir-Rekord Fotografiku tal-31 ta' Ottubru, 2015 mhemuż bħala Dok H.

## 4. LEĠIŻLAZZJONI

L-esponent Perit Tekniku għamel riċerka fl-arkivji tal- Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) fejn ġie stabilit li din il-propjeta, hija koperta bil-permess tal-bini numru PB 04699/68 maħruġ mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici fil-15 ta' Marzu, 1969 u mgedded fis-26 ta' Mejju, 1970 mill-istess Awtorita. Mhemuża mal-permess fil-fajl tal-MEPA ma' nstabu l-ebda pjanti u għaldaqstant l-esponent Perit Tekniku ma' setax jikkonferma li il-bini, mibni skont il-permess. Kopja ta' dan il-permess tal-bini hu mhemuż u mmarkat bħala Dok I.

Għalkemm l-art li parti minnha hemm il-garaxx mibni fuqha, kienet suġġetta għal ċens annwu u perpetwu, mid-dikjarazzjoni tan-Nutar Dottor John Spiteri fi transazzjoni ta' propjeta immobli għal *Cauza Mortis*, ma jirriżultax li hemm ċens fuq il-garaxx. Dan kien ikkonfermat mal-uffiċju legali tal-Bank of Valletta p.l.c. Kopja tal-kuntratt tal-11 ta' Mejju 2000, *in atti* tan-Nutar Dottor John Spiteri u tad-dikjarazzjoni tal-istess Nutar hi mhemuża u mmarkat bħala Dok J.

## 5. STIMA TAL-FOND

Wara li għamel dak kollu li titlob l-Arti, b'konsiderazzjoni tal-punti hawn fuq imsemmija, l-esponent qiegħed jistma l-valur reali tal-fond; **Garaxx/Maħzen 'Mars', fi Triq il-Bajjada, ġewwa l-Marsa**, bis-somma ta' **mijja erbgħa u erbgħin elf Euro (€144,000)**, iżda meta tittieħed in konsiderazzjoni il-kirja antika (pre-1995) li fadalla biex tintemm sas-sena 2028, il-valur tal-propjeta attwali hu ta' **tlieta u tmenin elf u disa' mitt Euro (€83,900)** bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

Daqstant għandu l-unur x'jirrelata l-esponent Perit Tekniku għas-savju konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illum 11 ta' Frar 2016 LB.
Ippreżentata mill- Perit Robert C. Vella
... aiversi ...

Gaetana Aquilina
Deputat Reġistratur
Deputy Registrar
Qrati tal-Ġustizzja (Malta)
Law Courts (Malta)


**Perit Robert C. Vella**
25/5 Menton Court, Dingli Street
Sliema SLM1904, Malta
99804481 - robvel@maltanet.net



**Perit Robert C. Vella**
25/5 Menton Court, Triq Sir Adrian Dingli,
Sliema SLM 1904


Data: 9 ta' Frar, 2016

DOK 'D' 358/1

Permezz ta' dina l-iskrittura privata Carmel sive Charles Grech fil-kummerc bin John u Maria nee' Buhagiar imwieled u joqghod il-Hamrunqieghed jikkoncedi b'titolu ta' lokazjoni lill John Bonnici fil-kummerc bin il-mejtin Paul u Nicolina nee' Camilleriimwieled u joqghod il-Belt, valletta li bl-istess titolu ta' lokazjoni a nom tad ditta 'J and A Bonnici qieghed jaccetta il-mahzen ossija store li qieghef il-Marsa ffi New Street in Isouard Street, minghajr numru jismu 'Mars' sottopost ghall proprieta' tal-istess Carmel sive CharlesGrech tath dawn il-pattijiet:-

a) Ghaz-zmien tlett snin di fermo mil-lum rinnovabbli minn sena ghall sena a volonta' tal inkwilin;

b) Bil-kera ta' mitejn lira Maltija (£M200) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem ghall-ewwel tlett snin tal-lokazjoni liema kera ghandu jizdied bl-ammont ta' tletin lira Maltija (£M30) fis-sena kull tlett snon b'mod li l-kera kull tlett snin ikun tletin lira Maltija ~~(£M30) fis-sena aktar mill-kera tat tlett snin ta'~~ qabel u dejjem jibda jithallas kull sena bil-quddiem;

c) Fil-kas li l-inkwilin jonoqs li jhallas il-kera xahar mill-iskadenza uilinquilin jibqa ma jhallasx l-istess kera fi zmien tmien tijiem li jigi motifikat bl miktun mis-sid huwa cioe' l-inkwilin ikun passabbli ghall penali ta' lira Maltija (£M1) kull jum dekorribbli minn tmien tijiem mill-gurnata tan-notifika sal-gurnata tal-pagament tal-kera li jkun dovut liema penali tkun oltre l-kera li jkun dovut;

d) L-imsemmi fond jistgha jintuza bhala store biss u mhux ghall skopijiet ohra u jista' jintuza ukoll ghall garaging tal-vans tal-inkwilin nomine;

e) L-imkwilin nomine ma jkunx jistgha jittrasferixxi l-lokazjoni jew jissulloka l-fond lill terzi minghajr il-permess tas-sid.

f) L-inkwilin nomine ma jkunx jistgha jagmel alterazjonijiet strutturali fil-fond minghajr il-permess bil-miktub tas-sid.

g) L-inkwilin nomine jkun obbligat li jzomm il-fond fi stat tajjeb u li hekk jikkonsenjah lura fit-terminazjoni tal-lokazjoni u mizbugh u mbajjad u kif inhu fil-present u li almenu kull sentejn jizbogh il-bieb ta' barra u l-bieb tal-bitha u t-tieqa.

h) Kull xorta ta' benefikati li l-inkwilin nomine jaghmel fil-fond ghandhom jibqghu ghav- [illegible] vantagg tal-istess fond minghajr ma l-inkwilin jistgha jippretendi kumpens jew indenizz.

Kelma Kancellata

N.D. J. Cachia

i) Fil-kas li l-inkwilin nomine ma jkunx irid ikompli l-lokazjoni ghandu javza lis-sid almenu tlett xhur (3 xhur) qabel l-iskadenza tal-periodu li jkun in kors.

Illum 6 ta' Lulju 1977

(Firmati)

Carmelo Grech
J. Bonnici
Xhud tal-firmi u identita'
Not. Dr. Joseph Cachia

Vera kopja ta l-originali dokument konservat ghandi
Illum 3 ta Awissu 1977
Dr. Joseph Cachia
Nutar Pubbliku Malti

have lived with the tenant for the sole reason that she has been temporarily absent from the residence of the tenant due to work, study or medical care:

Without prejudice to the provisions of this article, a person shall not be entitled to continue the lease following the death of the tenant, unless such person satisfies the means test criteria which the Minister responsible for accomodation may introduce from time to time.

Person who does not qualify to be a tenant. *Added by: X. 2009.7.*

**1531G.** In the case of persons who although failing to qualify to continue the tenancy according to the criteria laid down in article 1531F but who before the 1st June, 2008 were residing with the tenant and continued to reside with the tenant until the tenant's death, such persons shall have a right to continue the tenancy as follows:

(*a*) if the person fails the means test criteria as stipulated above, the lease shall in any case continue for a period not longer than three years from the date of the death of the last surviving tenant, with a rent which will be double that being paid by the last tenant;

(*b*) if a person fails to qualify under other criteria, not being those of the means test, the lease shall continue for a period of not more than five years from the death of the last surviving tenant, with a rent which will be double that which was being paid by the last tenant.

Tenement leased as a garage or used as a summer residence. *Added by: X. 2009.7.*

**1531H.**(1) In the case of garages leased before the 1st June, 1995 that do not form part of a residence leased to a tenant as an ordinary residence and which are not considered as a commercial tenement, in the absence of an agreement to the contrary there shall not be any right of renewal of the lease after 1st June, 2010.

(2) In the case of a tenement leased before the 1st June, 1995 and used as a summer residence which is not the ordinary residence of the tenant, in the absence of an agreement to the contrary there shall not be any right of renewal to the lease after 1st June, 2010:

Provided that for the purposes of this Title no tenant shall be deemed to hold more than one ordinary residence.

Definition of a tenant of a commercial tenement. *Added by: X. 2009.7.*

**1531I.** In the case of commerical premises leased prior to 1st June, 1995, the tenant shall be considered to be the person who occupies the tenement under a valid title of lease on the 1st June, 2008, as well as the husband or wife of such tenant, provided they are living together and are not legally separated, and also in the event of the death of the tenant, his heirs who are related by consanguinity or by affinity up to the grade of cousins inclusively:

Provided that a lease of commercial premises made before the 1st June, 1995 shall in any case terminate within twenty years which start running from the 1st June, 2008 unless a contract of lease has been made stipulating a specific period. When a contract of lease made prior to the 1st June, 1995 for a specific period and which on the 1st January, 2010 the original period "di fermo" or "di

DOK 'E'
558/15
R42620

013889

Formula E

**TALBA GHAL RIĊERKA UFFIĊJALI U/JEW INFORMAZZJONI**

REĠISTRU TA' L-ARTIJIET
VALLETTA
03 NOV 2015
RECEIVED

Nru. LR-A: ..................................................................

Data: ..................................................................

Hlas: ..................................................................

Riċevitur: ..................................................................

---

**Deskrizzjoni tal-proprieta':**

**'Mars Warehouse', Triq il-Bajjada, Marsa (Malta)**

*Property comprises of a Garage/Warehouse at Ground Floor abutting on Triq il-Bajjada in Marsa. The total gross external footprint of this property is of circa 118m$^2$.*

---

**Elenku tal-mistoqsijiet li dwarhom tixtieq risposta:**

1. Jekk il-proprieta' taqax f'area ta' reġistrazzjoni;
2. Jekk il-proprieta' tinsabx reġistrata;
3. Jekk hemmx xi charge jew ipoteka illi tiggrava l-proprieta' in kwistjoni.

---

Firma tal-applikant:

Perit Robert C. Vella
25/5 Menton Court, Dingli Street
Sliema SLM1904, Malta
99804481 - robvel@maltanet.net

Isem tal-applikant: **Perit Robert C. Vella**

Indirizz: **25/5 Menton Court, Sir Adrian Dingli Street, Sliema SLM1904**

Data: 2 November, 2015

Ir-risposta għandha ġentilment tintbagħat bil-posta

Mhiex f'Żona ta' Reġistrazzjoni
Il-pjante tiegħes valida għal
skopijiet ta' reġistrazzjoni futura
jekk ikun skont il-leġislazzjoni
sussidjarja 296.08

Tonio Galea
Manager
Land Registry
16/11/15

DISTANCE TO NEAREST CORNER 22.5m

DOK 'F' 558/15

"MARS ... " MARSA

013889

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru tal-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only [ 70 - Reġistru tal-Artijiet - Malta]

LAND REGISTRY




Scale 1 : 500 Skala

0 m 10 m 20 m 30 m 40 m 50 m

LAND REGISTRY
116, WEST STREET




REĠISTRU TA' L-ARTIJIET VALLETTA
03 NOV 2015
RECEIVED

Pjanta tas-sit 1:2500 *Site Plan*

**Gvern Ta' Malta**

# Reġistru tal-Artijiet

*Casa Bolino, 116 Triq il-Punent, Valletta*

**Government of Malta**

# Land Registry

*Casa Bolino, 116 West Street, Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* 324864M | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 53735 y = 71121 | ***Parti minn SS:*** *Extracted from SS:* 5271 | Data: *Date:* 26/10/2015 |
| Perit *Architect:* | | Qies (metri kwadri) *Area (square metres)* | FOOTPRINT - GROSS EXTERNAL AREA OF:- OWNERSHIP [A] - circa 108 $m^2$ [B] - circa 10 $m^2$ |
| Timbru tal-Perit *Architect's Stamp* | **Perit Robert C. Vella** 25/5 Menton Court, Dingli Street Sliema SLM1904, Malta 99804481 - robvel@maltanet.net | Firma tal-Applikant *Applicant's signature* | |
| | | | Dritt Mħallas *Fee Paid* |

Dok 'G' 358/15

NOTES

DRAWING for Valuation and Land Registry use only

SITE falls within Development Zone outside Urban Conversation Area (UCA)

BUILDING covered by MEPA Development Permit PB 04699/68

GROSS Floor Area: circa 118 sq.mtrs.




## SECTION A-A AS EXISTING

*SCALE 1:100*

Perit Robert C. Vella
5/5 Menton Court, Dingli Street
Sliema SLM1904, Malta
...9804481 - robvel@maltanet.net




## GROUND FLOOR PLAN AS EXISTING

*SCALE 1:100*






| | |
|---|---|
| PROJECT TITLE : SURVEY | REF : RCV-211/15 |
| SITE : 'Mars Warehouse', Triq il-Bajjada, Marsa (Malta) | PROJECT No. : RCV-211/15 |
| DRAWING TITLE : Floor Plan & Section A-A | DWG. N° : 01 |
| ARCHITECT/PLANNER : ROBERT C. VELLA EN (USA), B.E. & A. (HONS), A.& C.E. Architect & Civil Engineer 25/5, Menton Court, Sir Adrian Dingli Street, Sliema email: robvel@maltanet.net Tel: 21316311 Mob 99804481 | SCALE : 1:100 |
| | DATE : 2 November, 2015 |
| | REVISION N° : -- |
| | DRAWN BY : RCV |
| | PAPER SIZE : A3 |

**REKORD FOTOGRAFIKU – 31 TA' OTTUBRU 2015**
**Maħzen 'Mars', Triq il-Bajjada, Marsa (Malta)**

**DOK. H**
**Subbasta**
**58/2015**




Faċċata tal-fond fil- "*Ground Floor Level*"



Ritratt tal-maħzen meħud minn naħa ta' quddiem

Perit Robert C. Vella
25/5 Menton Court, Dingli Stree
Sliema SLM1904, Malta
99804481 - robvel@maltanet.ne



Ritratt tal-maħzen meħud minn naħa ta' wara



Ritratt tal-bitħa li tinsab fuq in-naħa ta' wara


**Perit Robert C. Vella**
25/5 Menton Court, Dingli Street
Sliema SLM1904, Malta
99804481 - robvel@maltanet.net

| REKORD FOTOGRAFIKU – 31 TA' OTTUBRU 2015<br>Maħzen 'Mars', Triq il-Bajjada, Marsa (Malta) | DOK. H<br>Subbasta<br>58/2015 |
|---|---|



Ritratt tal-bir li hu aċċessibli mil-bitħa ta' wara



Ritratt juri dritt għal servitu ta' terzi u l-kundizzjoni tal-maħzen

**Perit Robert C. Vella**
25/5 Menton Court, Dingli Street
Sliema SLM1904, Malta
99804481 - robvel@maltanet.net

DoK'J
558/15



Il-Ħdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000).

Nru 188

Successjoni

Insinwazzjoni 25. 5. 2000.

Quddiemi Nutar Dottor John Spiteri dehru personalment wara li vverifikajt l-identita' taghhom:-

**Maria-Dolores armla ta' Carmelo Grech,** bint il-mejtin Nazzareno Mifsud u Maria nee' Mifsud, imwielda l-Hamrun u toqghod tas-Sliema, karta tal-identita' numru 66543(M);

**Maria mart Christopher Drago** u **Alexia,** xebba, **ahwa Grech,** ulied il-mejjet Carmelo sive Charles Grech u Maria-Dolores nee' Mifsud, imwieldin rispettivament H'Attard u San Giljan u joqghodu rispettivament H'Attard u tas-Sliema, karti ta' l-identita' rispettivament numerati: 45969(M) u 234878(M);

Il-komparenti Maria-Dolores Grech, bhala uzufruttwarja ta' zewgha Carmelo, u l-ahwa Grech, bhala eredi ta' missierhom jippremettu u jiddikjaraw:-

Illi Carmelo Grech, pensjonant, bin il-mejjet John Grech u Maria nee' Buhagiar, imwieled il-Hamrun u li kien joqghod fid-dar tar-residenza tieghu sive appartament internament markat bin-numru tmintax (18) formanti parti mill-blokk li jgib in-numru erbatax ittra "A" (14A), Triq Ghar il-Lembi, tas-Sliema, karta ta' l-identita' numru: 621633(M), miet tas-Sliema fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) u dana skond ic-Certifikat mahrug mir-Registru Pubbliku li jgib in-Numru mitejn u dsatax tas-sena korrenti 2000 (219/2000);

Illi wara li saru s-soliti ricerki dwar t-Testmenti kemm fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ta' Malta u Ghawdex, kif ukoll fir-Registru Pubbliku, jirrizulta li l-imsemmi Carmelo Grech ghamel testment fl-atti tieghi ta' l-erbgha (4) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) fejn fost disposizzjonijiet ohra d-decujus Carmelo Grech halla l-uzufrutt ta' l-assi ereditarju kollu tieghu lill-istess martu Maria-Dolores, u innomina eredi universali tieghu liz-zewgt uliedu fuq imsemmija fi kwoti indaqs bejniethom;

Illi l-Assi Immobbli ta' l-imsemmi Carmelo Grech jikkonsisti fis-segwenti proprieta' u cioe':-

(1) Fin-nofs (1/2) indiviz ta' l-utili dominju temporanju ghaz-zmien li fadal minn mitejn (200) sena li bdew jiddekorru mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sittin (1960) tad-dar sive flat tar-residenza tieghu konsistenti f'appartament internament markat bin-numru tmintax (18) formanti parti mill-blokk li esternament igib in-numru erbatax ittra "A" (14A), u l-isem ta' "Boylan Buildings", Triq Ghar il-Lembi, tas-Sliema, u liema blokk ta' appartamenti jikkonfina min-nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mil-lvant in parti ma' beni ta' Ernest Grech u in parti ma' proprieta' ta' "B.R.G. Limited" u mill-punent ma' beni ta' l-istess "B.R.G. Limited", jew irjieh verjuri u l-flat jikkonfina min-nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mil-lvant in parti ma' beni ta' Ernest Grech u in parti ma' proprieta' ta' "Italian Caterers Limited" u mill-punent ma' beni ta' "B.R.G. Limited" jew l-aventi kauza taghhom, soggett l-imsemmi flat ghac-cens annwu u temporanju ta' ghoxrin lira (Lm20), minn haga ohra liberu u frank, tal-valur ta' hamsa u sittin elf lira (Lm65,000) l-intier u ghalhekk sehem id-decujus jammonta ghal tnejn u tletin elf u hames mitt lira (Lm32,500);

(2) Nofs (1/2) indiviz tas-subdirett dominju annwu u temporanju ta' mija u hamsin lira (Lm150) ghal wiehed u ghoxrin (21) sena li bdew jiddekorru mill-hmistax (15) t'Ottubru elf disa' mija hamsa u tmenin (1986) impost fuq il-flat internament markat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' tliet flats wiehed fuq l-iehor mibnija fuq garage sottostanti, u liema blokk huwa bla numru u jgib l-isem ta' "John-Mary Flats", fi Triq Danny Cremona, il-Hamrun, konfinanti l-imsemmi blokk mil-lvant ma' l-imsemmija triq, mill-punent ma' beni tas-Sur Spiteri, mit-tramuntana ma' beni tas-Sur Giuliano u min-nofsinhar ma' beni ta' Joseph Bugeja, jew irjieh verjuri, tal-valur ta' sitt elef lira (Lm6,000) l-intier u ghalhekk sehem id-decujus jammonta ghal tlett elef lira (Lm3,000);

(3) Nofs (1/2) indiviz tal-garage bla numru pero' jgib l-isem ta' "Mars", jinsab fi triq gdida maghrufa bhala New Street in Isouard Street, il-Marsa, u liema garage jikkonfina mill-punent ma' l-imsemmija triq, mit-tramuntana ma' beni ta' John Grech u min-nofsinhar ma' beni ta' Oscar Grech, jew irjieh verjuri, jinsab presentement mikri lil terzi, tal-valur ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) l-intier u ghalhekk sehem id-decujus jammonta ghal hamest elef lira (Lm5,000);

Ghall-fini ta' l-Att "Numru XVII ta' l-1993" dwar it-Taxxa fuq Dokumenti jigi dikjarat mill-komparenti Maria-Dolores Grech u uliedha l-ahwa Grech li l-valur komplessiv ta' l-imsemmija proprieta' huwa ta' erbghin elf u hames mitt lira (Lm40,500), valur gust u reali u dan wara li jeina Nutar fehemthom sewwa l-importanza tal-veracita' ta' din id-dikjarazzjoni taghhom, izda peress li l-ewwel ghaxart elef lira (Lm10,000) fuq l-intier ta' l-unika residenza tad-decujus mhumiex taxxabbli u peress li mbaghad mill-ammont taxxabbli titnaqqas ukoll it-tletin fil-mija (30%) li mhix taxxabbli minhabba l-uzufrutt imholli mid-decujus lil martu Maria-Dolores, u peress li l-imsemmija eredi Alexia qeghda tabita fl-istess dar tar-residenza tad-decujus bhala l-unika residenza taghha wkoll, u stante li din id-dikjarazzjoni qeghda tigi maghmula fi zmien stipulat mil-ligi u ghalhekk l-eredi kollha huma ntitolati ghal Rebate ta' mitt lira (Lm100) kull wahda minnhom, ghalhekk it-taxxa dovuta fuq dana l-att tammonta ghal elf u tlieta u ghoxrin lira (Lm1,023), skond kif jirrizulta wkoll mill-annessa Skeda Dokument "A".

Maghmul, moqri u ippubblikat wara li gie imfisser skond il-ligi f'Malta, Naxxar, Main Street, numru wiehed (1).

M. Doris Grech

M. Drago.

# SKEDA TA' KIF INHADMET IT-TAXXA

| | | | |
|---|---|---|---|
| Total ta' propjeta' | | Lm | 40,500.00 |
| Naqqas Dar tar-Residenza | | Lm | 5,000.00 |
| | | Lm | 35,500.00 |
| Naqqas | 30% Uzufrutt mhux taxxabbli | Lm | 10,650.00 |
| Total Taxxabbli | | Lm | 24,850.00 |

Sehem kull Eredi Lm 12,500.00

Numru ta' eredi li jabitaw id-Dar tar-residenza tad-Decujus

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| [redacted] 5,000.00 | Lm | 1,800.00 | at | 3.5% | Lm | | 63.00 |
| Numru Totali ta' Eredi:- 2 | | 10,700.00 | at | 5.0% | Lm | | 535.00 |
| Ammont Rimanenti Taxxabbli | Lm | 12,500.00 | at | 5.0% | Lm | | 625.00 |
| Naqqas Lm100 Rebate ghal kull Eredi | | | X | 2 | Lm | | 200.00 |
| **TOTAL DOVUT BHALA TAXXA** | | | | | Lm | | 1,023.00 |

# DIPARTIMENT TAT-TAXXI INTERNI

*...n l-avviż għandu jiġi preżentat duplikat*

...VVIŻ, (TAJPJAT JEW B'ITTRI KAPITALI) PREŻENTAT DWAR ATTI TA' TRASFERIMENT JEW TA' DIK-...ARAZZJONI, GĦALL-FINIJIET TA' TAXXA PROVVIŻORJA SKOND L-ARTIKOLU 74A TA' L-ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*, KAP. 123, U GĦALL-FINIJIET TA' L-ARTIKOLU 51 TA' L-ATT TA' L-1993 DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI.

| | |
|---|---|
| ...xa Provviżorja: Ammont Totali: Lm Nil | Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti Mħallsa: Lm 1023 |

| | |
|---|---|
| *...MEJJET/MINN ...TTRASFERIXXI* | Dettalji dwar in-Numru tat-Taxxa fuq l-*Income* (meta n-numru tat-Taxxa fuq l-*Income* ma jkunx l-istess bħan-Numru tal-Karta ta' l-Identità, dan ta' l-aħħar għandu jingħata wkoll), kunjom u isem, sena tat-twelid, somma apporzjonata ta' Taxxa Provviżorja u l-indirizz ta' kull min jittrasferixxi u, f'każ ta' trasferiment *causa mortis*, l-indirizz u d-data tal-mewt tal-mejjet għandhom jitniżżlu f'dan l-ispazju fl-ordni speċifikat. Jistgħu jintużaw iktar karti għat-tkomplija jekk ikun meħtieġ fil-waqt li jinżamm l-istess ordni. In-Numru tat-Taxxa fuq l-*Income* għandu jingħata fil-kolonna kif muri. |
| *I.T. Nruli* | GRECH CARMELO (1933)<br>Miet:15.12.1999.<br>FLAT 18 BLOCK 14A TRIQ GHAR IL-LEMBI SLIEMA |
| ...MIN JIĠI ...RASFERIT ...(N JIRĊIEVI) | Dettalji dwar in-Numru tal-Karta ta' l-Identità, kunjom u isem, u indirizz u, f'każ ta' trasferiment *causa mortis*, is-somma apporzjonata ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ta' kull min jirċievi *causa mortis*, għandhom jitniżżlu f'dan l-ispazju fl-ordni speċifikat.<br>L-irċevuta dwar it-taxxa fuq dokumenti u trasferimenti mħallsa tintbagħat lill-ewwel xerrej/min jirċievi *causa mortis* imsemmi min-nutar. |
| | for details please refer to annexed page. |

| | |
|---|---|
| ...em in-Nutar | JOHN Spiteri |
| ...ata ta' L-Att | 11 ta' MEJJU , 2000. |
| ...mmont tal-Konsiderazzjoni ...ew il-Valur dikjarat | Lm 40,500. |
| ...axxa Provviżorja | Ċedola Bankarja Nru./Nri.<br>NIL |
| ...axxa fuq Dokumenti ...Trasferimenti: | 007307 |

**GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS**

INLAND REVENUE DEPARTMENT
MONTE DI PIETA BLDGS - VALLETTA
RECEIVED ON 25 5 00
Signature of Receiving Officer: ...

D.T. 1

(Aqleb)

1120

## DIKJARAZZJONI MINN NUTAR

1. Fil-każ ta' l-att ta' dikjarazzjoni magħmul skond l-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1993 dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti ta' l-att relattiv u ta' kull Testment jew Testmenti, jew estratt minnu jew minnhom, u kull dokument rilevanti ieħor, inkluż ta' proprjetà rurali, għandhom jintehmżu wkoll.

2. Fi transazzjonijiet ta' proprjetà immobbli *inter vivos* għandha tingħata deskrizzjoni sħiħa ta' dik il-proprjetà u għandha tingħata pjanta ta' kull proprjetà rurali.

Cauza Mortis ta' :-

(1) Fin-nofs (1/2) indiviz ta' l-utili dominju temporanju ghaz-zmien li fadal minn mitejn (200) sena li
bdew jiddekorru mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sittin (1960) tad-dar sive flat ta'
residenza tleghu konsistenti f'appartament internament markat bin-numru tmintax (18) formanti parti mill-blokk
Xestarnament igib in-numru erbatax ittra "A" (14A), u l-isem ta' "Boylan Buildings", Triq Ghar il-Lembi, tas-Sliema,
u liema blokk ta' appartamenti jikkonfina min-nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mil-lvant in parti ma' beni ta' Ernest
Grech u in parti ma' proprieta' ta' "B.R.G. Limited" u mill-punent ma' beni ta' l-istess "B.R.G. Limited", jew irjieh
verjuri u l-flat jikkonfina min-nofsinhar ma' l-imsemmija triq, mil-lvant in parti ma' beni ta' Ernest Grech u in parti
ma' proprieta' ta' "Italian Caterers Limited" u mill-punent ma' beni ta' "B.R.G. Limited" jew l-aventi kauza taghhom;
soggett l-imsemmi flat ghac-cens annwu u temporanju ta' ghoxrin lira (Lm20), minn haga ohra liberu u frank; tal-
valur ta' hamsa u sittin elf lira (Lm65,000) l-intier u ghalhekk sehem id-decujus jammonta ghal tnejn u tletin elf u
hames mitt lira (Lm32,500);

(2) Nofs (1/2) indiviz tas-subdirett dominju annwu u temporanju ta' mija u hamsin lira (Lm150) ghal
wiehed u ghoxrin (21) sena li bdew jiddekorru mill-hmistax (15) t'Ottubru elf disa' mija hamsa u tmenin (1985)
impost fuq il-flat internament markat bin-numru tlieta (3) formanti parti minn blokk ta' tliet flats wiehed fuq l-iehor
mibnija fuq garage sottostanti, u liema blokk huwa bla numru u jgib l-isem ta' "John-Mary Flats", fi Triq Danny
Cremona, il-Hamrun, konfinanti l-imsemmi blokk mil-lvant ma' l-imsemmija triq, mill-punent ma' beni tas-Sur
Spiteri, mit-tramuntana ma' beni tas-Sur Giuliano u min-nofsinhar ma' beni ta' Joseph Bugeja, jew irjieh verjuri;
tal-valur ta' sitt elef lira (Lm6,000) l-intier u ghalhekk sehem id-decujus jammonta ghal tlett elef lira (Lm3,000);

(3) Nofs (1/2) indiviz tal-garage bla numru pero' jgib l-isem ta' "Mars", jinsab fi triq gdida maghrufa
bhala New Street in Isouard Street, il-Marsa, u liema garage jikkonfina mill-punent ma' l-imsemmija triq, mit-
tramuntana ma' beni ta' John Grech u min-nofsinhar ma' beni ta' Oscar Grech, jew irjieh verjuri, jinsab
presentement mikri lil terzi, tal-valur ta' ghaxart elef lira (Lm10,000) l-intier u ghalhekk sehem id-decujus
jammonta ghal hamest elef lira (Lm5,000);

............................................
*Firma tan-Nutar*

## GĦALL-UŻU UFFIĊJALI

| | |
|---|---|
| Taxxa Provviżorja Mħallsa: Lm ______ | Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti Mħallsa: Lm ______ |
| Irċevuta Nru./Nri. : ______ | Irċevuta Nru./Nri. : ______ |
| Data ta' l-Irċevuta/i : ______ | Data ta' l-Irċevuta/i : ______ |

Eredi ta' Carmelo Grech (deceased 15/12/99)

1. Mrs Maria wife of Christopher Drago (31 yrs)
   "Casa Drago",
   Triq Dun Mikiel Xerri,
   Attard I.D. 45969 (M)

L 525

2. Ms Alexia Grech (21 yrs)
   14A, Flat 18,
   Triq Ghar il-Lembi,
   Sliema I.D.234878 (M)

L 498

UZUFRUTTWARJA

Mrs Maria-Dolores Grech (57 yrs)
14A, Flat 18,
Triq Ghar il-Lembi,
Sliema I.D.66543 (M)

Pls issue separate receipts

INLAND REVENUE DEPARTMENT
MONTE DI PIETA BLDGS. VALLETTA
RECEIVED ON
25 5 00
Signature of Receiving
Officer

Fotokopja ta' l-oriġinali

Quod Attestor — 1 JUL 2013

ARKIVIST

7630 13

E 8.12

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
**Malta Environment and Planning Authority**

St Francis Ravelin, Floriana
P.O. Box 200, Marsa, GPO 01, MALTA

Tel: (+356) 2290 0000 Fax: (+356) 2290 2295
VAT No: MT 1281-6708 Exemption No: EXO 1188

MEPA

## Cash Sale

Name:
Address:

Cash Sale Number: 145868-6142-6
Date: 05 November 2015

VAT No.:

| Item Description | Qty | Unit Price (excl VAT) | Net Amount (excl VAT) | VAT Amount | VAT Rate % |
|---|---|---|---|---|---|
| Copy of permit PB 4699/68 | 1 | €4.66 | €4.66 | €0.00 | 0 |
| Pre-1993 Search, Copy of plans & permit PB 4699/68 | 1 | €27.95 | €27.95 | €0.00 | 0 |

**Payment Details:**

BOV Cheque No 398 - Account No - 15806950035

**Cash Sale Status:**

Settled

| | |
|---|---|
| Total NET: | €32.61 |
| Total VAT: | €0.00 |
| Total: | €32.61 |

Drawn up by
Michelle Scerri

***Receipt is not valid if payment is dishonoured.***